**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**27 ta’ Jannar 2021**

**Rikors Numru 108/2019**

**Dr. Annalisa Caruana**

**Vs**

**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Dr. Annalisa Caruana** fit-30 ta’ Ottubru 2019 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:

*“Illi hija l-operatur ta’ AG VRT Testing Station gewwa Triq is-Sriedak Mosta. Illi hija ilha topera ghal dawn l-ahhar sitt snin circa u qatt ma’ rriskontrat ebda problema mal-Awtorita’ Intimata;*

*Illi pero’ permezz ta’ ittra datata 14 ta’ Ottubru 2019 l-esponenti giet kundannata multa ta’ Euro 11,880 u kif ukoll ir-revoka totali tal-licenzja taghha bhala operator;*

*Illi l-esponenti rat u ndagat fuq l-ilmenti tal-Awtorita’ fl-imsemmi Avviz u hija qed tikkontendi b’rispett li dak attribwit lilha fl-ewwel lok ma huwiex korrett u fit-tieni lok gew avvanzati lilha responsabbiltajiet li legalment kellhom jigu indirizzata mit-tester u mhux minnha. Illi l-persuna mssemija hija certu Jean F. Gusman u l-intimati wkoll hadu proceduri kontra l-imsemmija persuna.*

*Illi l-esponenti tikkontendi b’rispett kif hija bihsiebha tipprova waqt is-smigh ta’ dana r-rikors li dak li ghamel it-tester taghha ghamlu ad insaputa taghha u li di piu’, hija ezercitat id-diligenza kollha mehtiega sal-grad rikjest mil-Ligi ta’ bonus pater familias u ghalhekk ikun ingust li hija tigi kkundannata piena hekk serja bhalma hija r-revoka tal-Licenzja meta hija dejjem ghamlet dak kollu possibbli biex topera l-vrt station taghha b’mod efficjenti u skont il-Ligi;*

*Illi tul is-smigh ta' dana l-umli rikors, l-esponenti fi hsiebha li tindirizza l-ilmenti kollha sollevati minn l-Awtorita' Intimata fl-imsemmija ittra u li minnha qed jitressaq dana l-umli rikors;*

*Ghalhekk l-esponenti qed titlob bir-rispett li dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 15 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex joghgbu:-*

*1] Ihassar u jirrevoka kompletament is-sanzjonijiet imposti kontra r-rikorrenti kif indikati fl-ittra mibghuta fl-14 ta' Ottubru 2019 u dana minhabba r-ragunijiet moghtija f'dana l-umli rikors;*

*2] Minghajr pregudizzju u f'kaz li l-ewwel talba f'pessima ipotesi ma tkunx akkolta jigi ordnat li s-sanzjoni tkun wahda anqas harxa."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** datata 18 ta' Novembru 2019 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"

1. *Illi d-decizjoni moghtija mill-Awtorita' appellata u li minnha qieghda tappella l-appellanti fil-kaz odjern hija wahda gusta, legali u korretta (kif se jigi estensivament ippruvat kemm permezz ta' din ir-Risposta u kif ukoll waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell) u ghalhekk l-appell interpost mill-appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha.*

2. *Illi l-fatti tal-kaz u l-konsiderazzjonijiet preponderanti huma s-segwenti -:*

   *(i) Illi l-appellanti ghandha licenzja ta' operatur li ggib in-numru LTD/40/13/3 sabiex topera stazzjon tal-VRT bl-isem AG VRT Testing Station fi Triq is-Sriedak, Mosta;*

   *(ii) Illi rrizulta lill-Awtorita' appellata li minn sample analysis ta' ftit granet f'Lulju, 2019 kienu seħħew diversi abbużi serji bi ħruġ ta' Pass Test Certificates li ma kellhomx jinħarġu – kollox kif spjegat u elenkat fid-dettall fl-Avviz mibgħut mill-Awtorita' rispondenti lill-appellanti datat 14 t'Ottubru, 2019 u li gie anness mill-appellanti mar-rikors tal-appell tagħha;*

   *(iii) Illi naturalment l-Awtorit'a għandha u qed iżżomm id-dritt li testendi l-analiżi tagħha ulterjorment u toħroġ multi għall-infrazzjonijiet kollha li setgħu seħħew matul dawn l-aħħar xhur u snin;*

   *(iv) Illi ovjament il-ħruġ ta' dawn il-Pass Test Certificates b'mod illegali u abbużiv ifisser li dawn il-vetturi qed jinstaqu fit-toroq ta' pajjizna b'potenzjal ta' perikolu kemm ghall-istess sewwieqa u kif ukoll ghal terzi.*

3. *Illi l-Awtorita' appellata taghmel riferenza ghall-kundizzjonijiet illi l-Operaturi ta' stazzjon ghat-testijiet tal-vetturi huwa obbligat li jhares skond il-ligi u cioe' skond il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi*

*bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq), fosthom, inter alia, dawk stipulati fi-paragrafi (a), (j) u (r) tas-sub-regolament (1) tar-regolament 10 kif gej -:*

*(a) l-operatur għandu jkun kompletament responsabbli għall-proċeduri kollha ta' testijiet li jsiru fl-istazzjon;*

*(j) l-operatur għandu josserva f'kull ħin ir-regolamenti u standards dwar it-testijiet tal-vetturi biex jiżguraw li dawn huma tajba għat-triq skont dawn ir-regolamenti, u approvati mill-Awtorita; u*
*(r) l-operatur m'għandu, taħt l-ebda ċirkustanza, joħroġ riżultat pożittiv ta' test sakemm ma jkunx sar test komplet u l-oġġetti kollha li kellhom jiġu ttestjati jkunu konformi mal-kundizzjonijiet u standards meħtieġa taħt dawn ir-regolamenti, jew ta' test magħmul mill-ġdid sakemm dak it-test ma jkunx komplet u l-persuna li tagħmel it-testijiet fuq il-vetturi ma tikkonfermax li t-tiswijiet meħtieġa jkunu saru.*

4. *Illi applikati dawn il-principji stabbiliti bil-ligi (u, bid-dovut rispett, dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex vestit bil-gurisdizzjoni biex jissindaka r-ragjonevolezza o meno tal-ligi izda biex jara jekk id-decizjoni tal-Awtorita kinitx wahda legali u korretta skond dik il-ligi o meno), jirrizulta kjarament illi l-appellanta odjerna qua l-operatur tal-VRT Station illi minnha nhargu dawn il- Pass Test Certificates b'mod illegali u abbużiv hija responsabbli skond il-ligi ghal dan l-akkadut u jirrizulta bl-izjed mod car u manifest illi dawn il-kundizzjonijiet illi l-operaturi ta' stazzjonijiet tal-VRT huma obbligati bil-ligi illi josservaw certament li ma gewx osservati fil-kaz odjern u l-appellanti ma tistax semplicement twahhal fit-Tester u tghid li kull ma gara huwa tort tieghu u hi qisha m'ghandha responsabbilta' ta' xejn meta r-responsabilitajiet taghha bħala Operatur ta' VRT Station joħorġu b'mod mill-ijed ċar mil-liġi u l-appellanti, li hi nutar pubbliku di professjoni, żgur li taf taqra u tifhem il-liġi u għalhekk ċertament li ma tistax tallega li ma kinitx taf x'inhuma l-obbligi u r-responsabilitajiet tagħha bħala Operatur (għalkemm lanqas dak l-argument ma kien ikun skużant a tenur tal-prinċipju ignorantia iuris neminem excusat).*

5. *Illi filwaqt li fl-appell minnha inerpost l-appellanti qieghda titlob. B'mod sussidjarju, li jkun hemm piena inqas ħarxa, jiġi rilevat li, anke fuq l-iskorta tad-decizjoni moghtija minn dan l-Onorabbli Tribunal fil-15 ta' Gunju, 2015 fil-kawza fl-ismijiet "Malcolm Grech – vs- L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta' (Appell Nru: 67/2014), l-Awtorita' appellata kellha d-dritt li tinfliggi l-piena stabbilita fit-Tnax-il Skeda ghal-L.S. 65.15 ghal kull wahda mill-infrazzjonijiet li seħħu, izda f'dan l-istadju l-Awtorita' appellata, filwaqt li ghad ghandha kull dritt illi tipprocedi b'dan il-mod, ghazlet li tmexxi kontra l-appelanti b'multa waħda għal kull ġeneru ta' infrazzjoni. Kieku għamlet hekk il-multa kienet tkun ta' 'l fuq minn mitejn elf Ewro. Fil-fuq imemmija sentenza fl-ismijiet "Malcolm Grech – vs- L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta' (Appell Nru: 67/2014), dan l-Onorabbli Tribunal kien enuncja kif gej:*

   *"Illi t-Tribunal ma jaqbel xejn ma' din il-linja ta' hsieb (tal-appellant). Jirrizulta illi n-nuqqas tar-rikorrent sehh fi tlett okkazjonijiet differenti fuq tlett vetturi differenti.*

*Il-fatt li sehh l-istess nuqqas ghal iktar minn darba fl-istess xahar ma jfissirx illi ma jattirax mieghu kull darba l-punti ta' penali ai termini tat-Tnax-il Skeda".*

6. *Illi ghar-ragunijiet kollha hawn fuq imfissrau kif se jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-appell interpost mill-appellanti huwa wiehed kompletament infondt fil-fat u fid-dritt anzi huwa frivolu u vessatorju filwaqt li d-decizjoni tal-Awtorita appellata hija wahda gusta, korretta u skond il-ligi u ghalhekk timmerita li tigi kkonfermata."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumentiipprezentati;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 14 ta' Ottubru 2019 li permezz taghha giet mgharrfa illi l-licenzja taghha ta' operatur ta' *stazzjon* tal-*VRT* kienet qieghda tigi revokata u wkoll illi l-Awtorita` kienet qieghda timponi 1080 punti ta' penalita` u wkoll multa ta' hdax-il elf, tmien mija u tmenin ewro (€11,880).

Illi **r-rikorrenti** xehdet illi hija ghandha licenzja ta' operatur ta' stazzjon tal-*VRT* u bhala *tester* fl-istess *stazzjon* ikun hemm certu Adrian Montanaro (akar `l isfel "Montanaro"). Tispjega illi fiz-zmien li l-Awtorita` intimata sabet l-infrazzjonijiet, hi u Montanaro kienu msefrin u kienu hallew lil certu Gusman jaghmel it-testijiet tal-*VRT*. Madankollu jirrizulta, illi waqt li kienu ghadhom imsefrin, Gusman cemplilha u qalilha li kienu marru l-ispetturi tal-Awtorita` u sabu xi nuqqasijiet. Ghalhekk Montanaro qal lil Gusman biex ma jaghmilx iktar testijiet. Meta eventwalment irritornaw Malta u staqsew lil Gusman x'kien gara, dan ma tahom l-ebda spjegazzjoni.

**Adrian Montanaro** spjega permezz ta' affidavit b'mod dettaljat u dokumentat ir-raguni ghala d-decizjoni tal-Awtorita` intimata kienet wahda ingusta.

**Vince Micallef Pule**, *Senior Manager* mal-Awtorita` intimata, spjega li fir-rigward tal-istazzjoni tal-*VRT* in kwisjtoni kien hemm problema fil-*braking equipment* sa mill-2018 u s-sitwazzjoni qatt ma giet rizolta, liema sitwazzjoni wasslet lill-Awtorita` biex fis-6 ta' Awwissu 2019 tiehu passi fil-konfront tal-operatur. Jispjega li pero`, f'dik l-okkazjoni, Montanaro sostna li l-Awtorita` hadet zball fil-kalkoli taghha u allura l-

Awtorita` hadet decizjoni li tissospendi dik id-decizjoni sabiex twessa' ftit iktar l-ispezzjoni taghha.[1] Ghalhekk intalbu iktar *sample reports* minn erbat ijiem *at random* minn fejn hargu hafna iktar infrazzjonijiet li gew dokumentati fid-decizjoni appellata. Jispjega li in forza ta' dawn in-nuqqasijiet, giet revokata l-licenzja tal-operatur u wkoll saret ir-revoka tal-licenzja tat-*tester,* u *cioe`* ta' Jean Frank Gusman.

**Joseph Mifsud**, *Technical Manager* mal-Awtorita` intimata, stqarr illi f'Lulju 2019 kienet saret spezzjoni fil-*VRT Station* in kwisjtoni mill-ispettur tal-Awtorita` George Farrugia li rrapurtalu li kien innota li t-test tal-brejk ma kienx qed isir skont ir-Regolamenti tal-VRT, fis-sens illi l-mizien ma kienx qed juri l-piz ezatt tal-vettura u allura kien qieghed johloq *distortion* fir-rizultat finali. Ghalhekk hu kien ordna li jieqfu t-testijiet sakemm il-mizien jigi kalibrat kif suppost. Jirrizulta li dan il-mizien gie kalibrat fil-25 ta' Lulju 2019.[2] Sussegwentement, fis-26 ta' Awwissu 2019 George Farrugia kien rega' acceda fl-istazzjoni tal-*VRT* fejn eleva diversi rapporti ta' vetturi li gew ittestjati fi tlett granet differenti, u cioe` fit-22 ta' Jannar 2019, 21 ta' Marzu 2019 u fil-31 ta' Mejju 2019 sabiex l-Awtorita` tiehu stampa tas-sitwazzjoni. Wara li gew analizzati dawn ir-rapporti instabu diversi nuqqasijiet.

Ghalhekk George Farrugia kien rega' acceda fuq il-post in kwistjoni fis-6 ta' Settembru 2019 fejn gie osservat illi l-mizien rega' ma kienx qieghed jahdem kif suppost. Ghaldaqstant gie ordnat li l-*VRT Station* tinghalaq.

Fl-affidavit tieghu, Joseph Mifsud, jaghti spjegazzjoni dettaljata tan-nuqqasijiet riskontrati fil-*VRT Station* in kwisjtoni.

**George Farrugia,** *Principal Technical Officer* mal-Awtorita` intimata, ikkonferma dak li xehed Joseph Mifsud. Spjega illi minn analizi tar-rapporti li huwa eleva mill-*VRT Station* in kwistjoni huwa rriskontra diversi nuqqasijiet li gew maqsumin f'hames kategoriji. Huwa jaghti spjega tan-nuqqasijiet f'kull Kategorija.

## Ikkunsidrat:

Illi n-nuqqasijiet riskontrati gew maqsuma mill-Awtorita` intimata f'hames Kategoriji, u *cioe`:*

### <u>Kategorija A – testijiet illi taw rizultat pozittiv f'hin qasir</u>

[1] Dokument a fol. 78
[2] Dokument JM1 a fol. 140

Illi mid-decizjoni appellata jirrizulta illi dan il-hin ivarja bejn ftit inqas minn zewg (2) minuti ghal hdax (11)-il minuta. Illi skont Montanaro il-kalkolu li ghamlu l-ufficjali tal-Awtorita` intimata huwa wiehed zbaljat. Illi fl-affidavit tieghu Joseph Mifsud ikkonferma li l-testijiet kollha msemmija fid-decizjoni saru f'hin qasir hafna ad eccezzjoni tal-kazijiet tat-18 ta' Lulju 2019 li ammetta li fuqu kien hemm kalkolu hazin da parti tal-Awtorita` intimata. Mix-xhieda ta' George Farrugia u mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi mill-inqas, VRT test, ghandu jiehu mhux inqas minn ghoxrin (20) minuta.[3]

Illi t-Tribunal ezamina l-elenku esebit minn Montanaro a fol. 54 tal-process li minnu jirrizulta l-qari ta' numru ta' hinijiet ghal kull karozza indikata f'Kategorija A tad-decizjoni appellata. Minn dan l-elenku jirrizulta illi l-hin indikat mill-Awtorita` intimata` huwa biss wiehed minn numru ta' hinijiet li jirrizultaw mill-imsemmi elenku. Jekk wiehed jiehu perezempju l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GIO 018 jirrizulta li l-Awtorita` intimata hadet bhala hin li gie kompletat it-test il-hin ta' 08.53. Pero` mid-dokument a fol. 54 jirrizulta illi l-process tal-ittestjar mar oltre dak il-hin. Biss biss jekk wiehed jara l-kolonna "Photo Taken" il-hin huwa 08.49, u taht il-kolonna "Entered in database" hemm il-hin 08.59 u taht il-kolonna "Entered in VRT Computer" hemm il-hin 09.13. Illi dak li qal Montanaro fl-affidavit tieghu fuq din il-kwisjtoni bl-ebda mod ma gie kontradett mill-provi mressqa mill-Awtorita` intimata. Ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi fuq Kategorija A l-Awtorita` intimata kienet zbaljata meta qieset biss hin wiehed, u *cioe*` dak imnizzel taht il-kolonna "Online" u dan peress li r-rikorrenti, permezz tal-ispjegazzjoni li ta Montanaro, irnexxilha tipprova fuq bazi ta' probabilita` li l-hin ta' ittestjar kien itwal minn dak indikat fid-decizjoni appellata. Ghalkemm l-istess hinijiet elenkati minn Montanaro huma inqas minn dak li l-Awtorita` tghid, abbazi ta' studju xjentifiku, ghandu jiehu kull test, jibqa' l-fatt li l-Awtorita` intimata kienet zbaljata fil-kunsiderazzjoniet taghha ghal dak li ghandu x'jaqsam il-hin li vettura damet sakemm sarilha t-test jew ir-*retest*. Ghaldaqstant l-infrazzjonijiet riskontrati taht Kategorija A se jkunu qeghdin jigu revokati.

**<u>Kategorija B u C – vetturi li ghaddew mill-VRT minghajr ma sar it-test tad-dawl jew tal-emissjonijiet</u>**

Illi skont id-decizjoni appellata, fit-23 ta' Lulju 2019 saru sitt (6) testijiet li taw rizultat pozittiv minghajr ma sarilhom it-test tad-dawl jew tal-emissjonijiet. Montanaro jghid illi dawn it-testijiet saru meta hu u r-rikorrenti kienu msefrin. Jispjega li fil-gurnata in kwistjoni kien qed jopera l-*istazzjon* it-tester certu Jean Frans Gusman, li eventwalment

[3] Dokument JM2 a fol. 142

gie mkecci mix-xoghol mir-rikorrenti. Montanaro jishaq li dawn in-nuqqasjiet irid iwiegeb ghalihom it-tester u mhux l-operatur, tant li anke skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 il-punti ta’ penalita` iridu jigu mposti fuq it-tester u mhux fuq l-operatur. Illi fil-verita` l-Awtorita` intimata ma ppenalizzatx lir-rikorrenti *qua* operatur abbazi tal-Partita 15 u 25 tat-Tnax-il Skeda tal-imsemija Legislazzjoni ghaliex tali penali, kif qal Montanro, jistghu jigu mposti biss fuq it-*tester*. L-Awtorita` intimata gustament applikat Partita numru 93 tal-imsemmija Skeda fil-konfront tar-rikorrent, *qua* operatur, peress li hareg rizultat pozittiv meta t-test ma sarx kif suppost, u dan meta hija kellha r-responabbilita` ai termini ta’ Regolament 10 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 illi tara li t-testijiet isiru kif suppost. Di piu` ai temini tal-artikolu 10 (1) (r) tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja, ir-rikorrenti, *qua* operatur, ma kellha, taht l-ebda cirkostanza tohrog rizultat pozittiv sakemm ma jkunx sar test komplet.

Illi madankollu, dwar in-nuqqasijiet riskontrati f’Kategorija B u C m’hemmx kontestazzjoni li dawn fil-fatt sehhew. L-uniku punt ta’ divergenza huwa li r-rikorrenti qieghda tishaq illi dawn wettaqhom it-tester u li ghalhekk hi ghandha tigi mehlusa minn kull responsabbilita`. Illi kif diga’ gie osservat hawn fuq, dan mhux il-kaz. Filwaqt li r-rikorrenti tghid li kienet imsiefra fil-gurnata li saru t-testijiet, dan bl-ebda mod ma gie ppruvat b’xi dokumenti li juri dan il-fatt. Minn imkien ma jirrizulta illi fil-gurnata in kwistjoni, u *cioe*` fit-23 ta’ Lulju 2019, hija kienet imsiefra. Dan it-Tribunal lanqas ma ghandu l-verzjoni tat-*tester* imsemmi, liema prova setghet facilment tipproduciha r-rikorrenti ghad-difiza taghha. Kwindi dan it-Tribunal se jkun qieghed jikkonferma l-infrazzjonijiet riskontrati taht Kategoriji B u C.

**<u>Kategorija D – numru ta’ vetturi hargilhom rizultat pozittiv meta l-*vehicle weight value* thalla vojt jew mhux korrett</u>**

Illi l-Awtorita` intimata harget din id-decizjoni abbazi ta’ ezami tar-rekords tat-testijiet li saru fit-23 ta’ Lulju 2019. Mit-testijiet li saru dakinhar irrizultalha li sittax (16)-il vettura kellhom dan in-nuqqas, u *cioe*` jew il-piz mhux ezatt jew nieqes. Montanaro fix-xhieda tieghu jispjega illi ghalkemm kien hemm dawn in-nuqqasijiet, il-vetturi kollha kellhom is-sistema tal-brejkijiet tajba anke jekk din giet kalkulata manwalment jew il-piz tal-vettura ittiehed minn fuq il-*log book.* Montanaro jghid li anke l-*UK MOT Manual*, li fuqu jridu jimxu t-*testers* Maltin, jistipula illi jekk is-sistema li tizen il-vettura ma tkunx qieghda tahdem, wiehed jista’ jiehu l-istess piz minn fuq il-*log book.*

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghal Paragrafu 1 tar-Raba’ Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 61.15 li minnha johrog illi l-piz ta’ vettura irid jintizen **<u>b’mod komputerizzat</u>**. Illi r-Regolamenti jipprovdu illi kalkolu manwali jista’ jsir biss f’cirkostanzi fejn ma jkunx possibbli li jsir mod iehor bhal perezempju meta vettura

tant tkun kbira li ma tkunx tista’ tittella’ fuq l-apparat fl-istazzjon tal-*VRT*. Illi r-rikorrenti ma semmiet l-ebda episodju fejn irriskontrat din it-tip ta’ diffikulta`. In oltre, Paragrafu 9 tar-Raba’ Skeda jistipula illi l-passagg ta’ testijiet, **li ghandhom ikunu kompjuterizzati ghal kollox, ghandhom ikunu tajba biex:**

**•jittestjaw l-efficjenza tal-brejkijiet principali, sekondarji u tal-ipparkjar rispettivament.... ”**[4]

Kwindi l-prattika li kienet qieghda tigi adoperata fl-istazzjon in kwistjoni kienet kontra l-istess Regolamenti tant illi kienet ilha zmien tingibed l-attenzjoni tal-istess operatur da parti tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata.[5] Kien biss meta l-Awtorita` intimata tat ordni biex jinghalaq l-istazzjon li giet irrangata s-sistema biex il-piz jibda jittiehed kif suppost. Illi t-test manwali jista’ jidhol fis-sehh biss jekk ghal xi raguni, momentarjament, is-sistema kompjuterizzata ma tkunx qieghda tahdem u mhux li din tkun il-prattika tal-gurnata. Huwa rrilevanti li bil-kalkolu manwali r-rizultat jista’ jkun xorta li vettura tghaddi. L-operaturi tal-istazzjonijiet tal-VRT ma jistghux jaghzlu huma jekk juzawx sistema jew ohra izda jridu jimxu ma’ dak li tiddetta l-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis illi r-ragunijiet migjuba mir-rikorrenti ghad-difiza taghha ma jiggustifikawx il-fatt illi dak li kien qieghed isir kien kontra r-Regolamenti.

**Kategorija E – sitt vetturi moghtija rizultat pozittiv li pero` r-rapport taghhom ma giex moghti lill-ufficjali tal-Awtorita` intimata meta hekk mitluba**

Montanaro jispjega illi dawn ir-rapporti gew mghoddija minnu, flimkien ma’ rapporti ohra, lil George Farrugia meta gie hekk mitlub. Min-naha l-ohra George Farrugia jghid li meta huwa talab l-istess rapporti waqt li kien qieghed jaghmel spezzjoni dawn ma nghatawlux. F’dan ir-rigward Montanaro esebixxa set ta’ rapporti li jaghmlu referenza ghall-vetturi indikati f’Kategorija E, liema rapporti jinsabu esebiti minn fol. 113 sa fol. 118.[6]

Illi dawn ir-rapporti bl-ebda mod ma gew kontradetti jew inholoq xi dubju dwar l-awtenticita` taghhom fil-kors ta’ din il-kawza, u kwindi dan it-Tribunal filwaqt li jemmen li hu l-kaz li l-istess rapporti kienu nieqsa meta l-ufficjali tal-Awtorita` intimata talab ghar-rapporti tal-gurnata partikolari, jirrizulta illi fil-fatt it-test kien sar regolarment. Pero` jibqa’ l-fatt li l-istess ma gewx mghoddija tempestivament lill-

[4] Enfasi tat-Tribunal
[5] Ara xhieda ta’ Vince Micallef Pule` a fol. 129
[6] Tirrizulta diskrepanza fir-rigward tal-vettura numru GZV-357 stante li fir-rapport a fol. 113 din hija indikata bhala GBZ 347. Pero` jirrizulta illi dan jista’ jkun zball meta ddahhlu l-ittri tar-registrazzjoni fil-kompjuter.

Awtorita` intimata. Illi t-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghala l-ufficjal George Farrugia kellu jghid li dawn ir-rapporti ma nghatawlux meta fil-fatt inghatawlu. Lanqas ma jirrizulta illi x-xhieda tieghu fuq dan il-punt giet b'xi mod attakkata. Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis li fuq dan il-punt, l-Awtorita` intimata kellha ragun meta fid-decizjoni taghha irrimarkat li ma gewx mghoddija lilha sitt (6) rapporti ta' testijiet ta' vetturi li saru fit-23 ta' Lulju 2019.

Ghaldaqstant jirrizulta illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata ghandha tigi konfermata ghall-infrazzjonijiet riskontrati f'Kategoriji B, C, D u E u cioe` nuqqas ta' testijiet tad-dawl, tal-emissjonijiet, nuqqas li jikkoncerna l-*brake efficiency* u wkoll nuqqas li jigi mghoddija sitt (6) rapporti meta hekk mitluba mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata.

Illi t-Tribunal se jghaddi issa sabiex jezamina l-penali imposti fuq ir-rikorrenti.

L-Awtorita` intimat imponiet elf u tmenin (1080) punti ta' penalita`mqassmin kif gej:

| *Item* | *Offence* | *Points* |
|---|---|---|
| ***88*** | ***Failure to keep records as required in regulation 26 (1)*** | ***50*** |
| ***89*** | ***Failure to send records and/or copies of test results to the Authority*** | ***20*** |
| ***90*** | ***Failure to issue duplicate test result when so requested*** | ***10*** |
| ***93*** | ***Issued a pass result either without conducting a complete test or where a fail test result should have been issued*** | ***1,000*** |

Illi skond Regolament 26 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 l-operatur ghandu jzomm duplikat tan-notamenti li jirriferixxu ghat-testijiet kollha li jkunu saru fl-istazzjon tieghu. Illi mill-provi jirrizulta illi meta l-ufficjal tal-Awtorita` intimata talab numru ta' rapporti minghand it-tester, dawn ma gewx moghtija lilu kollha. Madankollu fil-mori ta' dawn il-proceduri dawn gew esebiti. Kwindi ma jirrizultax illi dawn ma sarux. Madankollu kien biss f'dawn il-proceduri li l-istess rapporti gew esebiti meta dawn riedu jkunu *available* ghall-ispezzjoni tal-Awtorita` intimata malli titlobhom. Ghalhekk il-punti ta' penalita` ai termini ta' Partita 88 u 90 qeghdin jigu konfermati.

Illi l-Awtorita` intimata imponiet ukoll ghoxrin (20) punt ta' penalita` ai termini ta' Partita 89 li tigi inflitta fuq operatur f'kaz li jonqos li jibghat notamenti u/jew kopji ta' riżultati tat-test lill-istess Awtorità. Illi minn imkien ma johrog illi ma gewx mibghuta xi rizultati lill-Awtorita` intimata. Ghaldaqstant dawn il-punti ta' penalita` imposti qeghdin jigu revokati.

Illi l-Awtorita` intimata imponiet elf (1000) punt ta' penalita` ai termini ta' Partita 93 stante li rrizulta li kien hemm mill-inqas sitt (6) vetturi li ma sarilhomx it-test kif

suppost pero` xorta inhargilhom rizultat pozittiv. Illi tali punti ta' penalita` jolqtu kemm lit-*tester* u kemm lill-operatur. Illi kif intqal iktar 'il fuq il-fatti li inhareg test pozittiv b'dawn in-nuqqasijiet ma giex kontestat mir-rikorrenti. Dak li r-rikorrenti tikkontesta hu li hija ma kinitx Malta u ghalhekk ma kellhiex kontroll fuq dak li seta' wettaq it-tester impjegat minnha. Illi dan il-fatt wahdu ma joffri l-ebda skuza ghar-rikorrenti. Jekk hija ma setghetx tissorvelja adegwatament dak li kien qieghed jigri fl-istazzjon, allura setghet taghlaq l-istazzjon sakemm tkun imsiefra. Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrenti ma fehmitx bizzejjed l-import ta' licenzja ta' operatur u l-obbligi li l-istess iggib maghha. Kwindi jirrizulta li hija ma ezercitatx dik id-diligenza necessarja imposta fuqha minn Regolament 10 (1) (a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 li jesigi li operatur ta' stazzjon tal-VRT ghandu jkun kompletament responsabbli ghall-proceduri ta' testijiet kondotti fl-istazzjon. Ghaldaqstant l-elf (1000) punt ta' penalita qeghdin jigu konfermati.

Kwindi t-Tribunal iqis illi elf u sittin (1060) punt ta' penalita`ghandhom jigu konfermati filwaqt li ghoxrin (20) punt ta' penalita` ghandhom jigu revokati. Dan ifisser li ai termini tal-artikolu 21 (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ir-rikorrenti trid ukoll thallas multa amministrattiva ta' hdax-il elf, sitt mija u sittin ewro (€11,660).

Illi ghalhekk, wara li t-Tribunal qies il-provi kollha prodotti, huwa tal-fehma illi r-rikorrenti, *qua* operatur, kisret l-obbligi taghha ai termini tal-artikolu 10 (1) (a), (j) u (r) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Illi fid-decizjoni appellata, l-Awtorita` intimata issemmi wkoll li r-rikorrenti kisret Regolament 25 (b). Madankollu dan ir-Regolament jirrigwarda nuqqasijiet li jammontaw ghal reat kriminali u, ai termini tal-istess Regolament, hija l-Qorti biss li tista' timponi l-piena tar-revoka tal-licenzja ta' operatur u mhux l-Awtorita` innifisha. Madankollu, l-Awtorita` intimata ghandha dritt tirrevoka licenzja ta' operatur kemm ai termini tar-Regolament 24 (1) u kif ukoll ai termini tar-Regolament 11 (5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Filwaqt li ai termini tar-Regolament 24 (1) tali revoka tista' ssir biss jekk il-punti ta' penalita` imposti ikun ta' elfejn (2000) punt jew izjed, ai termini tar-Regolament 11 (5) l-Awtorita` tista' f'kull hin, u fuq bazi ragjonevoli tissospendi, tirtira jew thassar awtorizzazzjoni ghall-operat ta' stazzjon ghat-testijiet billi taghti lill-operatur avviz bil-miktub li fih taghti r-ragunijiet ghal dik is-sospensjoni, irtirar jew thassir. Illi mid-decizjoni appellata jirrizulta illi l-Awtorita` intimata irtirat l-awtorizzazzjoni *de quo* bis-sahha proprju tal-ahhar citat Regolament. Illi ghalhekk dan it-Tribunal irid jezamina jekk dak li rrizultalha l-Awtorita` setghax ragjonevolament iwassal ghall-irtirar ta' tali licenzja b'effett immejdat.

Illi ir-rikorrenti, *qua* operatur, fl-ebda hin ma ppruvat lil dan it-Tribunal liema mizuri tiehu biex twettaq bl-ahjar mod possibbli l-obbligi minnha assunti biex topera l-

istazzjon tal-*VRT de quo*. Fil-fatt hija xehdet illi ghalkemm hija ghandha l-licenzja ta' operatur, huwa Montanaro li "jiehu hsieb kollox". Illi t-Tribunal jirrileva illi l-licenzja ta' operatur iggorr maghha responsabbilita` kbira u l-obbligi li ggorr maghha jirrikjedu li l-operatur ikun "hands on" fuq l-operat. Mhix kwistjoni li wiehed semplicement ikollu licenzja fuq ismu u mbaghad ihalli f'idejn haddiehor. It-Tribunal jirrileva illi l-ezami tal-vetturi jsir proprju biex, fost affarijiet ohra, jigu evitati incidenti fit-toroq taghna dovuti ghal difetti fl-istess vetturi. Kwindi r-responsabbilita` li ghandhom l-operatur u t-*tester* mhijiex wahda frivola u huwa ghalhekk li jezistu s-sanzjonijiet previsti mil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Nuqqas jew negligenza tal-operatur u/jew it-*tester* jista' jwassal ghal konsegwenzi serji hafna jew addirittura fatalitajiet.

Illi ghalhekk, ghalkemm f'din id-decizjoni qeghdin jigu revokati xi partijiet tal-istess, jibqa' l-fatt li ghadd ta' vetturi, **f'gurnata wahda biss**, ma sarilhomx it-test kif suppost, hu fatt li fih innifsu huwa **gravi hafna**. Dan iwassal lil dan it-Tribunal biex jikkondividi ir-ragunament tal-Awtorita` intimata meta, wara li qieset dak kollu li kellha quddiemha, iddecidiet li tirtira l-licenzja ta' operatur tar-rikorrenti b'effett immedjat filwaqt li hadet anke passi kontra t-*tester* koncernat. Illi biex jirnexxielu jiskolpa ruhu mill-ghemil ta' *tester* impjegat mieghu, id-diligenza adoperata minn operatur trid tkun ferm iktar rigoruza minn dik pprezentata quddiem dan it-Tribunal. Minn dak li fehem it-Tribunal, ir-rikorrenti ma kinitx taf twiegeb ghall-infrazzjonijiet riskontrati mill-Awtorita` intimata u kien biss it-*tester* impjegat fl-istess stazzjon, u cioe` Montanaro li wiegeb ghall-istess. Filwaqt li dan it-Tribunal jifhem li l-materji diskussi jistghu ikunu teknici, tal-inqas ir-rikorrenti kellha turi lil dan it-Tribunal il-mod adoperat minnha biex l-obbligi mposti fuqha bil-licenzja ta' operatur twettaqhom kif suppost.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti u sa fejn kompatibbli ma dak li ntqal hawn fuq, qieghed jirrevoka parzjalment id-decizjoni appellata, u cioe` qieghed jirrevokaha in kwantu:

1. l-infrazzjonijiet riskontrati taht Kategorija A,
2. l-imposizzjoni ta' ghoxrin (20) punti ta' penalita` u l-multa amministrattiva ta' mitejn u ghoxrin ewro (€220) abbinati ma' Partita numru 89, u
3. fejn gie dikjarat li r-rikorrenti kisret Reglament 25 (b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15,

filwaqt li jikkonfemaha ghall-bqija, inkluz il-multa amministrattiva ta' hdax-il elf, sitt mija u sittin ewro (€11,660), l-imposizzjoni ta' elf u sittin (1060) punt ta' penalita` u r-revoka tal-licenzja ta' operatur b'mod immedjat.

Bl-ispejjez in kwantu tliet kwarti a karigu tar-rikorrenti u kwart a karigu tal-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**